**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 108/06VG**

**John Haber u martu Josephine Haber**

**Vs**

**Bernard Cachia u Christopher Grech u b'Digriet tad-29 ta' Mejju 2006 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà estera Ceracasa s.a.**

**Illum 11 ta' Ottubru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn John u martu Josephine Haber fl-10 ta' April 2006 permezz ta' liema jitolbu li, prevja d-dikjarazzjoni li l-madum tal-marka Carrara lilhom mibjugħ u kkonsenjat minn Bernard Cachia u Christopher Grech ma kienx tal-kwalità pattwita, l-imsemmija Bernard Cachia u Christopher Grech jiġu: (1) ikkundannati jirrifondulhom il-prezz lilhom imħallas ammontanti għas-somma ta' elf sitt mija disgħa u sebgħin Lira Maltija (Lm1,679), illum ekwivalenti għal tlett elef disa' mija u ħdax-il Euro u centeżmu (€3,911.01); jiġu (ii) dikjarati responsabbli għad-danni konsegwenzjali sofferti minnhom; (iii) likwidati dawn id-danni; u jiġu (iv) ikkundannati jħassluhom id-danni hekk likwidati, bl-imgħax legali dekoribbli mis-26 ta' Lulju 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri legali datati 5 ta' Novembru 2005 u 10 ta' Jannar 2006, taċ-Ċedola ta' Depożitu u tal-Mandat ta' Sekwestru preżentati kontestwalment mar-Rikors;

Rat li l-konjuġi Haber iddikjaraw li għall-finijiet ta' kompetenza d-danni mitluba ma jeċċedux is-somma ta' tlett elef u tlett mitt Lira Maltija (Lm3,300), illum ekwivalenti għal sebat elef sitt mija sitta u tmenin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€7,686.93);

Rat ir-Risposta tal-konvenuti permezz ta' liema jeċċepixxu li: (i) preliminarjament, huma ma humiex il-leġittimi kontradittura stante n-novazzjoni li seħħet meta l-atturi ħelsuhom u kkuntrattaw direttament mas-soċjetà estera Ceramica CeraCasa; (ii) l-atturi ma jistgħux jintavolaw din il-kawża meta għadhom qed iżommu l-merce mibjugħa u għalhekk l-azzjoni attriċi hija inamissibbli; (iii) l-azzjoni għad-danni hija irrita w inammissibbli stante li dan mhux ir-rimedju mogħti lix-xerrej mill-Liġi; (iv) il-madum konsenjat lill-atturi kien tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet; (v) ma huwiex minnu li huma kkawżaw xi danni lill-atturi; u (vi) is-soċjetà estera Ceramica CeraCasa, li mingħandha nxtara l-madum mertu tal-kawża, għandha tiġi kjamata in kawża;

Rat li b'Digriet datat 21 ta' Novembru 2016[1], il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuti għall-preżentata ta' Risposta ulterjuri in bażi għall-eċċezzjoni tad-dekadenza ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-Risposta Ulterjuri tal-konvenuti permezz ta' liema, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġià sollevati, jeċċepixxu li l-azzjoni attriċi hija perenta bit-terminu ta' sitt xhur ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi dak li qed jillanjaw minnu l-istess atturi huwa essenzjalment vizzju redibitorju;

Rat li b'Digriet mogħti fid-29 ta' Mejju 2006[2] ġiet awtorizzata l-kjamata in kawża tas-soċjetà estera Ceramica CeraCasa;

Rat ir-Risposta tal-kjamat in kawża Dr. Stefano Filletti għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Spanjola Ceracasa S.A. permezz ta' liema teċċepixxi li: (i) preliminarjament, il-kjamat in kawża noe ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u dana billi ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-atturi u ma kienx parteċipi fin-negozjati bejn l-atturi u l-konvenuti; (ii) l-azzjoni ta' l-atturi in kwantu tirreferi għall-azzjoni li l-oġġetti mibjugħa mhux tal-kwalità pattwita hija inammissibbli peress illi ddekadiet ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) kull talba għad-danni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) is-soċjetà Ceracasa S.A. ma daħlet fl-ebda patt mal-partijiet rigwardanti l-kwalità tal-madum mertu tal-kawża odjerna u lanqas ma kien edott dwar dak li seta' ġie pattwit bejn l-atturi u l-konvenuti; (v) il-madum konsenjat mis-soċjetà Ceracasa S.A. kien ta' kwalità tajba u di fatti l-imsemmija soċjetà mmanifatturat 1,760,000 metru kwadru ta' dan it-tip ta' madum u qatt ma rċeviet ebda ilment dwaru; (vi) fuq il-kaxxi tal-madum in kwistjoni, hemm imposta *disclaimer* fis-sens li s-soċjetà Ceracasa S.A. ma taċċettax talbiet (*claims*) fuq madum li jkun digà ġie mwaħħal u għalhekk kien fid-dmir ta' l-atturi jew it-*tile layer* li l-madum ma jiġix poġut, *dato ma non concesso*, li dan kellu xi tip ta' difett; (vii) Ceracasa S.A. ma kkawżat l-ebda dannu lill-atturi anzi nkorriet fi spejjeż sostanzjali sabiex bagħtet *Area Manager* f'Malta u dan ġie miċħud l-aċċess mill-atturi, minkejja li kien l-attur innifsu li f'email lilha wera x-xewqa li s-Sur Paniagua jiġi personalment f'Malta sabiex jara l-madum huwa stess; (viii) *dato ma non concesso* illi l-madum mertu tal-kawża odjerna ma kienx tal-kwalità pattwita, ir-rimedju mogħti mill-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa r-rifjut ta' l-oġġett u talba għad-danni jew alternattivament tnaqqis fil-prezz. Stante li l-atturi baqgħu fil-pussess ta' l-oġġett in kwistjoni, il-kawża hija inammissibli u f'kull każ it-talba għad-danni ma tistax tiġi applikata. F'kull kaz ir-refużjoni tal-prezz m'hijiex rimedju kontemplat mill-Liġi u kwindi hija inammissibbli wkoll; (ix) Ceracasa S.A. ma ingħatat l-ebda kampjun tal-madum in kwistjoni biex dan l-allegat difett jiġi vverifikat mit-tekniċi tagħha; (x) bl-aġir inkonsult ta' l-atturi, Ceracasa S.A. inkorriet diversi spejjeż inutili li minn issa qed tirriserva d-dritt għall-fini ta' risarċiment; (xi) it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu rispinti, bl-ispejjeż;

Rat li b'Digriet datat 7 ta' Marzu 2007[3], ġie nominat il-Perit David Pace bħala Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar il-proċeduri in eżami;

---

[1] Fol. 430 u 431 tal-proċess.
[2] Fol. 6 tal-proċess.
[3] Fol. 16 tal-proċess.

Rat l-affidavit ta' Fernando Salvador esebit mill-kjamat in kawża noe permezz ta' Nota ippreżentata fil-25 ta' Marzu 2010 a fol. 46 sa' 54 tal-proċess[4];

Rat li b'Digriet datat 23 ta' Settembru 2010[5], il-Qorti laqgħet it-talba tal-kjamat in kawża noe u ordnat li l-Perit Tekniku, il-Perit David Pace, jirritorna l-proċess fir-Reġistru u b'hekk jissosspendi s-seduti miżmuma minnu sabiex il-Qorti tkun tista' tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni tal-kjamat in kawża noe li ma huwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri;

Rat li b'Digriet mogħti fil-15 ta' Novembru 2010[6], il-Qorti rrevokat *contrario imperio* id-Digriet datat 23 ta' Settembru 2010 u minflok ċaħdet it-talba għas-sospensjoni tas-seduti u ordnat lill-Perit Tekniku, il-Perit David Pace, jissokkta bis-seduti għall-fini li jkun jista' jirrelata mill-aspett tekniku dwar it-talba attriċi;

Rat li b'Digriet datat 10 ta' Jannar 2012[7], il-Qorti kienet estendiet l-inkarigu tal-Perit Tekniku, il-Perit David Pace, sabiex ikun jista' jikkomunika ma' l-Awtorità Maltija tar-Risorzi sabiex isiru provi fuq il-madum mertu ta' dawn il-proċeduri. Rat però li dawn il-provi (*tests*) ma setgħux isiru mill-awtorità imsemmija[8];

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, il-Perit David Pace, a fol. 148 sa' 367 tal-proċess;

Rat li b'Nota ppreżentata fid-19 ta' Ġunju 2015[9] il-konvenuti talbu n-nomina ta' Periti Perizjuri peress li ħassewhom aggravati bil-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku u rat li b'Nota fit-23 ta' Ġunju 2015[10] il-kjamat in kawża noe ukoll talab in-nomina ta' Periti Perizjuri peress illi ħassu aggravat bil-konklużjonijiet tal-Perit Teniku;

Semgħet ix-xhieda in eskussjoni tal-Perit Tekniku, il-Perit David Pace, mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2016[11];

Rat li wara x-xhieda in eskussjoni tal-Perit Tekniku, il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni finali[12];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensur ta' l-atturi u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet[13] tal-konvenuti fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet oriġinali minnhom sollevati u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà kjamata in kawża[14] u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti relattivament għall-eċċezzjoni ulterjuri ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta[15];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

---

[4] Dan l-affidavit bil-lingwa Spanjola jinsab mill-ġdid a fol. 81 sa' 95 tal-proċess.
[5] Fol. 60 tal-proċess
[6] Fol. 76 sa' 78 tal-proċess.
[7] Fol. 99 u 102 tal-proċess.
[8] Fol. 108 u 109 tal-proċess.
[9] Fol. 370 tal-proċess.
[10] Fol. 369 tal-proċess.
[11] Fol. 381 sa' 389 tal-proċess.
[12] Verbal tas-seduta tas-7 ta' April 2016, fol. 380 tal-proċess.
[13] Fol. 394 sa' 401 tal-proċess.
[14] Fol. 403 sa' 423 tal-proċess.
[15] Fol. 438 sa' 447 tal-proċess.

Bil-proċeduri odjerni l-atturi konjugi Haber jitolbu li l-Qorti, prevja d-dikjarazzjoni li l-madum tal-marka Carrara lilhom mibjugħ u kkonsenjat mill-konvenuti ma kienx tal-kwalità pattwita, l-imsemmija konvenuti jiġu kkundannati: (1) ikkundannati jirrifondulhom il-prezz lilhom imħallas ammontanti għas-somma ta' Lm1,679, illum ekwivalenti għal €3,911.01; jiġu (ii) dikjarati responsabbli għad-danni konsegwenzjali sofferti minnhom; (iii) likwidati dawn id-danni; u jiġu (iv) ikkundannati jħassluhom id-danni hekk likwidati.

Għall-finijiet ta' kompetenza, l-atturi ddikjaraw li d-danni mitluba ma jeċċedux is-somma ta' Lm3,300, illum ekwivalenti għal €7,686.93.

Il-konvenuti laqgħu għat-talbiet attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) preliminarjament, huma ma humiex il-leġittimi kontradditturi stante n-novazzjoni li seħħet meta l-atturi ħelsuhom u kkuntrattaw direttament mas-soċjetà estera Ceramica CeraCasa; (ii) l-atturi ma jistgħux jintavolaw din il-kawża meta għadhom qed iżommu il-merce mibjugħa u għalhekk l-azzjoni attriċi hija inamissibbli; (iii) l-azzjoni għad-danni hija irrita w inammissibbli stante li dan mhux ir-rimedju mogħti lix-xerrej mill-Liġi; (iv) il-madum konsenjat lill-atturi kien tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet; (v) ma huwiex minnu li huma kkawżaw xi danni lill-atturi; u (vi) is-soċjetà estera Ceramica CeraCasa, li mingħandha nxtara l-madum mertu tal-kawża, għandha tiġi kjamata in kawża. Eċċipew ulterjorment illi l-azzjoni attriċi hija perenta bid-dekadenza ta' sitt xhur ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi dak li qed jillanjaw minnu l-istess atturi huwa essenzjalment vizzju redibitorju.

Is-soċjetà kjamata in kawża laqgħet għat-talbiet attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) preliminarjament, il-kjamat in kawża noe ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u dana billi ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-atturi u ma kienx parteċipi fin-negozjati bejn l-atturi u l-konvenuti; (ii) l-azzjoni ta' l-atturi in kwantu tirreferi għall-azzjoni li l-oġġetti mibjugħa mhux tal-kwalità pattwita hija inammissibbli peress illi ddekadiet ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) kull talba għad-danni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) is-soċjetà Ceracasa S.A. ma daħlet fl-ebda patt mal-partijiet rigwardanti l-kwalità tal-madum mertu tal-kawża odjerna u lanqas ma kien edott dwar dak li seta' ġie pattwit bejn l-atturi u l-konvenuti; (v) il-madum konsenjat mis-soċjetà Ceracasa S.A. kien ta' kwalità tajba u di fatti l-imsemmija soċjetà mmanifatturat 1,760,000 metru kwadru ta' dan it-tip ta' madum u qatt ma rċeviet ebda ilment dwaru; (vi) fuq il-kaxxi tal-madum in kwistjoni, hemm imposta *disclaimer* fis-sens li s-soċjetà Ceracasa S.A. ma taċċettax talbiet (*claims*) fuq madum li jkun digà ġie mwaħħal u għalhekk kien fid-dmir ta' l-atturi jew it-*tile layer* li l-madum ma jiġix poġut, *dato ma non concesso*, li dan kellu xi tip ta' difett; (vii) Ceracasa S.A. ma kkawżat l-ebda dannu lill-atturi anzi inkorriet fi spejjeż sostanzjali sabiex bagħtet *Area Manager* f'Malta u dan ġie miċħud l-aċċess mill-atturi, minkejja li kien l-attur innifsu li f'email lilha wera x-xewqa li s-Sur Paniagua jiġi personalment f'Malta sabiex jara l-madum huwa stess; (viii) *dato ma non concesso* illi l-madum mertu tal-kawża odjerna ma kienx tal-kwalità pattwita, ir-rimedju mogħti mill-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa r-rifjut ta' l-oġġett u talba għad-danni jew alternattivament tnaqqis fil-prezz. Stante li l-atturi baqgħu fil-pussess ta' l-oġġett in kwistjoni, il-kawża hija inammissibli u f'kull każ it-talba għad-danni ma tistax tiġi applikata. F'kull kaz ir-refużjoni tal-prezz m'hijiex rimedju kontemplat mill-Liġi u kwindi hija inammissibbli wkoll; (ix) Ceracasa S.A. ma ingħatat l-ebda kampjun tal-madum in kwistjoni biex dan l-allegat difett jiġi vverifikat mit-tekniċi tagħha; (x) bl-aġir

inkonsult ta' l-atturi, Ceracasa S.A. inkorriet diversi spejjeż inutili li minn issa qed tirriserva d-dritt għall-fini ta' risarċiment; (xi) it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu rispinti, bl-ispejjeż.

Fil-fehma tal-Qorti, qabel ma tittratta t-talbiet attriċi fil-mertu, jeħtieġ l-ewwel tittratta l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u mill-kjamat in kawża noe fis-sens li ma humiex il-leġittimu kontradittur ta' l-atturi.

**L-eċċezzjoni tal-konvenuti li ma humiex il-leġittimi kontradituri ta' l-atturi stante novazzjoni li seħħet meta l-atturi ħelsuhom u kkuntrattaw direttament mas-soċjetà Ceracasa:**

Il-konvenuti jikkontendu li ma humiex il-leġittimi kontradituri ta' l-atturi stante novazzjoni li seħħet meta l-istess atturi ħelsuhom u kkuntrattaw direttament mas-soċjetà Ceracasa. Huma jibbażaw din l-eċċezzjoni tagħhom fuq il-fatt li f'ċertu punt tal-vertenza ta' l-atturi magħhom *qua* vendituri/fornituri lilhom tal-madum mertu tal-proċeduri, l-istess atturi bdew jikkomunikaw direttament ma' Ceracasa *qua* manifattriċi tal-madum minnhom akkwistat mingħand il-konvenuti.

Fir-rigward ta' l-istitut ta' novazzjoni huwa prinċipju assodat li *n-novazzjoni hu ftehim li permezz tiegħu l-partijiet jiddeterminaw l-effett estintiv-kostituttiv intervenut fuq ir-rapport li jew għadu ma ġiex attwat jew mhux għal kollox attwat. Ċertament il-modifika ta' l-oġġett tal-kuntratt jintegra n-novazzjoni meta din tagħti lok għall-obbligazzjoni ġdida inkompatibbli ma' l-obbligazzjoni oriġinarja. F'każ bħal dan wieħed ikollu jeżamina jekk il-partijiet riedux sempliċement modifikazzjoni tar-rapport li jibqa' immutat fl-identità tiegħu jew riedux joħolqu rapport ġdid. Dan anke għaliex kif jingħad fis-subinċiż (1) ta' l-Artikolu 1181, Kodiċi Ċivili, "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tiġix maqtula għalkemm tiġi mbiddla". L-animus novandi, intiż bħala volontà esternata mill-partijiet, oltre li jrid ikun komuni għaż-żewġ kontraenti u hekk rappreżentanti dik il-volontà li l-obbligazzjoni preċedenti tiġi estinta, irid jirriżulta b'mod inekwivoku u konkretament provat mill-fatti konkludenti. A propożitu fuq dan l-aħħar aċċennat aspett jinsab deċiż illi 'quantunque la novazione possa risultare senza che si usino formole o parole speciali, pure non puo mai essere presunta, ed è di legge espressa e venne costantemente ritenuto in dottrina ed in gurisprudenza dovere la stessa chiaramente risultare'. Intqal ukoll illi 'biex ikun hemm novazzjoni hemm bżonn li jkun hemm l-inkompatibilità ta' l-eżistenza taż-żewġ obbligazzjonijiet, u f'każ ta' dubju, in-novazzjoni għandha tiġi eskluża*[16].

Meta dawn il-prinċipji ġuridiċi jiġu applikati għall-fattispecie tal-każ in eżami jirriżulta immedjatament evidenti li ma seħħet l-ebda novazzjoni li biha l-konvenuti ġew għal kollox meħlusa minn kwalunkwe responsabilità verso l-atturi u minflok ġie assunt Xi obbligu ġdid fil-konfront tagħhoma da parte tas-soċjetà estera Ceracasa S.A.

Filwaqt li ma hemmx dubju li l-atturi kkomunikaw direttament ma' Ceracasa S.A. u l-Qorti hija fermament konvinta li l-atturi għamlu hekk biex ikun hemm pressjoni fuq il-konvenuti fir-rigward ta' l-ilmenti tagħhom dwar il-madum, dan l-aġir tagħhom bl-ebda mod ma jista' jitqies li jagħti lok jew li addirritura ta lok għal novazzjoni għall-finijiet u

---

[16] Joanna Briffa v. Bernard Gauci et, Appell Ċivili Nru. 1192/03 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Ġunju 2005.

effetti kollha tal-Liġi. Konferma ta' dan tirriżulta minn diversi emails skambjati bejn l-attur u Ceracasa u korrispondenza bejn l-attur u l-konvenut Bernard Cachia, fostħom:

- Email ta' l-attur lil Ceracasa datata 26 ta' Settembru 2005, sitt ijiem wara l-ewwel kuntatt/komunikazzjoni ta' l-attur ma' l-imsemmija soċjetà[17];
- Email ta' l-attur lil Ceracasa datata 6 ta' Ottubru 2005[18];
- Email oħra ta' l-attur lil Ceracasa datata 7 ta' Ottubru 2005[19];
- Email mingħand Ceracasa lill-attur datata 7 ta' Ottubru 2005[20];
- Email oħra mingħand Ceracasa lill-attur datata 13 ta' Ottubru 2005[21];
- Ittra mibgħuta minn Bernard Cachia lill-attur datata 4 ta' Diċembru 2005[22];
- Email mingħand Ceracasa lill-attur datata 31 ta' Jannar 2006[23]; u
- Email ta' l-attur lil Ceracasa datata 2 ta' Frar 2006[24].

Minn dawn il-komunikazzjonijiet kollha jirriżulta b'mod ċar li l-konvenuti fl-ebda ħin ma ġew eżonerati mill-obbligi tagħhom qua vendituri tal-madum verso l-atturi u jirriżulta b'mod ċar ukoll li tali obbligi tagħhom qatt ma ġew estinti u minflok rimpjazzati b'obbligi ġodda verso l-atturi da parte ta' Ceracasa S.A. Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jiġi ribadit li ma seħħet l-ebda novazzjoni kif allegat mill-konvenuti u konsegwentement l-eċċezzjoni preliminari minnhom sollevata f'tali sens ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Trattata din l-eċċezzjoni l-Qorti ser tgħaddi issa biex tittratta l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-kjamat in kawża noe fis-sens illi Ceracasa S.A. ma hijiex il-leġittimu kontradittur ta' l-atturi u dana peress illi hija ma kellha ebda relazzjoni ġuridika ma' l-atturi u ma kenitx parteċipi fin-negozjati bejn l-atturi u l-konvenuti.

**L-eċċezzjoni tal-kjamat in kawza noe li ma huwiex il-leġittimu kontradittur ta' l-atturi:**

Mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar li l-atturi akkwistaw il-madum mertu ta' dawn il-proċeduri mingħand il-konvenuti eżerċenti taħt l-isem B&C Bathrooms & Ceramics, li a loro volta ordnaw il-madum minnhom fornit lill-atturi mingħand MRCD Limited li a sua volta impurtat dan il-madum mingħand is-soċjetà estera Ceracasa S.A.[25]. Huwa evidenti għalhekk li, nonostante l-komunikazzjonijiet permezz ta' diversi e-mails, bejn l-atturi u s-soċjetà kjamata in kawża ma hemm u ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika u in verità lanqas ma tirriżulta relazzjoni ġuridika bejn il-konvenuti u l-imsemmija soċjetà kjamata in kawża. Fid-dawl ta' dan għalhekk ma jistax jitqies li b'xi mod is-soċjetà Ceracasa S.A. hija leġittimu kontradittur ta' l-atturi f'dawn il-proċeduri, u jekk niġu għalhekk lanqas tista' titqies li hija leġittimu kontradittur vis-à-vis il-konvenuti.

Il-fatt li b'Digriet datat 29 ta' Mejju 2006, fuq talba tal-konvenuti, is-soċjetà Ceracasa S.A. ġiet kjamata in kawża ma jbiddel assolutament xejn minn dan kollu u l-istess

[17] Fol. 278 u 279 tal-proċess.
[18] Fol. 292 tal-proċess.
[19] Fol. 294 tal-proċess.
[20] Fol. 301 tal-proċess.
[21] Fol. 307 tal-proċess.
[22] Fol. 315 tal-proċess.
[23] Fol. 317 tal-proċess.
[24] Fol. 318 tal-proċess.
[25] Xhieda tal-konvenut Bernard Cachia mogħtija quddiem il-Perit Tekniku waqt is-seduta miżmuma fit-3 ta' April 2008, fol. 175 sa' 177 tal-proċess u dokumenti a fol. 275 sa' 277 tal-proċess.

kjamata in kawża għad illi konċessa ma teħlisx lill-konvenuti mill-obbligi tagħhom verso l-atturi nascenti min-negozju tal-bejgħ tal-madum. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Agent Accountant General v. George Xuereb noe**, fejn fir-rigward ta' l-istitut tal-kjamata in kawża ġie osservat li *t-talba għall-kjamat in kawża b'ebda mod ma setgħet tfisser illi b'daqshekk is-soċjetà konvenuta kienet qatt teħles, a bażi tagħha, mir-responsabbilità kuntrattwali tagħha…*, u dana, iżżid din il-Qorti, iktar u iktar meta s-soċjetà kjamata in kawża f'dawn il-proċeduri fir-realtà la kellha relazzjoni ġuridika mal-konvenuti u wisq inqas kellha relazzjoni ġuridika ma' l-atturi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-kjamat in kawża noe hija ġustifikata u b'hekk jistħoqq li tiġi milqugħa.

Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, il-Qorti tqis li ma għandhiex tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-kjamat in kawza noe u għaldaqstant qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess.

Raġġunta din il-konklużjoni jeħtieġ li l-azzjoni attriċi tiġi trattata fil-mertu, fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, inkluża l-eċċezzjoni ulterjuri li l-istess azzjoni attriċi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Azzjoni attriċi fil-mertu:**

L-atturi jikkontendu li l-madum minnhom akkwistat mingħand il-konvenuti ma huwiex tal-kwalità pattwita stante li wara li parti sostanzjali minnu tqiegħed fil-post minn persuni inkarigati minnhom, huma, ossia l-atturi, innutaw li l-madum in kwistjoni kellu imperfezzjonijiet fih. Fid-dawl tan-natura teknika ta' l-azzjoni attriċi l-Qorti nnominat Perit Tekniku sabiex appuntu jirrelata dwar il-pretensjoni tagħhom.

Fir-Relazzjoni tiegħu, il-Perit Tekniku, il-Perit David Pace kkonstata li *l-attur qiegħed jallega illi l-madum li ġie fornit lilu mis-soċjetà konvenuta* [recte: mill-konvenuti] *ma kenitx tal-prima qualità kif pattwita għaliex uħud mill-madum kien milqut minn mankament. Jirriżulta illi dan il-mankament jikkonsisti fil-fatt illi fit-tarf il-qasir tal-maduma cioè f'uħud minnhom hemm għafsiet taħt il-wiċċ illi jidhru kontra d-dawl kif ukoll illi f'xi oħrajn hemm qasma rqiqa taħt il-wiċċ. Fil-fatt dana l-mankament ma huwiex xi parti mid-diżinn tal-maduma għaliex mhuwiex mifrux fuq il-madum kollu u lanqas isegwi xi diżinn illi jista' wieħed jinterpreta bħala sfumatura fil-manifattura tal-maduma b'mod intenzjonat iżda huma mankamenti illi wieħed jiltaqa' magħhom fil-madum at random. Il-Perit konsulent ta' l-attur il-Perit Tano Zammit fiċ-ċertifikat illi ħareġ fl-4 ta' Ottubru 2005, illi huwa esebit bħala Dokument "A26"*[26] *jgħid illi dan id-difett ġie osservat f'parti sostanzjali tal-madum illi kien tqiegħed kif ukoll uħud minn dawk illi kienu għadhom ma tqegħdux. Il-Perit konsulent tal-konvenuti l-Perit Mannie Galea fiċ-ċertifikat illi ħareġ fl-24 ta' Ottubru 2005, illi jinsab esebit bħala Dokument "A28"*[27] *ma jinnegax illi hemm xi madum illi huwa milqut b'dan il-mankament u llimita ruħu biss biex igħid illi skond il-fehma tiegħu kien hemm madwar 30 maduma mqiegħda li setgħu jiġu kkunsidrati bħala difettużi. Il-Perit Tano Zammit ħareġ ċertifikat ieħor datat 12 ta' Jannar 2006 illi jinsab esebit bħala Dokument "A27"*[28] *fejn huwa qal illi b'riferenza għall-ewwel rapport tiegħu huwa ifforma l-opinjoni illi l-madum in kwistjoni ma kienx ta' prima qualità kif speċifikat mill-Għaqda*

[26] Fol. 324 u 325 tal-proċess.
[27] Fol. 327 tal-proċess.
[28] Fol. 326 tal-proċess.

*Internazzjonali ta' Standardisation (I.S.O.) peress illi l-ammont ta' madum identifikat bħala mhux ta' kwalità skond il-kriterji ta' l-I.S.O. 10545-1:1995 jeċċedi l-massimu perċentwali stipulat mill-istess Standard. Fil-kontro-eżami tiegħu il-Perit Zammit semma' illi wara illi għamel riċerka sabiex jistabilixxi l-kriterji kif suppost għandhom ikunu sabiex jiġi stabbilit madum kienx ta' prima qualità jew le huwa kkonkluda illi peress illi kien hemm ammont sostanzjali ta' madum illi kien milqut b'dan il-mankament allura skond il-kriterji ta' l-I.S.O. dan il-madum ma setax jiġi kkwalifikat bħala ta' prima qualità. Il-Perit Mannie Galea in kontro-eżami ikkonferma illi wara li spezzjonia l-madum imqiegħed bir-reqqa kkonkluda illi kien hemm xi tletin (30) maduma illi kienu milquta b'dan il-mankament. L-ammont totali ta' madum illi nxtara minn dan it-tip kien ta' 80 metru kwadru (80m.k.). Skont l-invoice esebit il-madum kellu daqs ta' 30 centimetru (30cms) bi tnejn u sittin punt tlieta ċentrimetri (62.3cms) li jfisser li l-area ta' kull maduma kienet zero punt wieħed tmienja sebgħa ta' metru kwadru (0.187m.k.) illi fisser illi sabiex ikopru mat-tmenin metru kwadru (80m.k.) kien jeħtieġ madwar erba' mija u tmienja u għoxrin (428) maduma. Bħala perċentwali ta' madum illi juri l-mankament deskritt l-attur qiegħed jallega illi mir-riċerka u cioè mill-eżami fid-dettal illi għamel irriżultalu illi madwar ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) minnu huwa affettwat b'dana il-mankament. Dan ifisser illi mija u sebgħa (107) maduma fihom il-mankament deskritt. Mill-banda tiegħu l-Perit Mannie Galea xehed illi minn dak illi raha madwar tletin (30) maduma huma li jesebixxu dan il-mankament illi fisser madwar sebgħa fil-mija (7%) tat-total. Meqjus dan kollu l-esponenti jidhrilu illi l-mankament li jidher fil-madum huwa f'ammont sostanzjali b'mod illi itellef mill-preġju tal-pavimentar. Ċertament illi meta l-atturi għażlu biex jixtru dan il-madum ma kienux konxji illi seta' ikollu mankament bħal dan. Għalhekk l-atturi huma ġustifikati fit-talbiet tagħhom peress illi l-madum illi nxtara ma kienx tal-kwalità pattwita. Inoltre billi l-madum li fih il-mankamenti jinsab mifrux xi ftit madwar l-ambjenti kollha fejn digà tqiegħed sabiex jinbidel il-madum illi fih dan il-mankament hemm il-probabilità illi tinqala' maduma waħda bil-mod li jinsab imqiegħed ikollhom jitkissur ħafna mill-madumiet tal-madwar[29].*

Dak konstatat mill-Perit Tekniku dwar il-madum in kwistjoni ġie minnu kkonfermat fix-xhieda in eskussjoni li ta waqt is-seduta tas-7 ta' April 2016[30], fejn irribadixxa li *d-difetti kienu konstatati milli tħares lejn il-madum kontra d-dawl minn diversi angoli u seta' jara d-differenzi illi jiena rrelatajt dwarhom. Kienu qishom sfumaturi. … kif iddeskrivejt fir-rapport li jiena għamilt. Ara paragrafu 14 "fil-fatt illi fit-tarf il-qasir tal-maduma f'xi wħud minnhom hemm għafsiet taħt il-wiċċ li jidhru kontra d-dawl kif ukoll illi f'xi oħrajn hemm qasma rqiqa taħt il-wiċċ". … Bħala persentaġġ jiena kont ikkonkludejt anke wara li rajt ir-rapporti li ħarġu ż-żewġ periti tal-partijiet bejn wieħed u ieħor għaliex kien hemm xi madum anke taħt l-għamara li ma setgħax jiġi ikkonstatat bl-eżatt illi skond il-perti….. hemm bejn sebgħa fil-mija u ħamsa u għoxrin fil-mija. Fuq dak li rajt jiena biss … naħseb li iktar toqrob lejn is-sebgħa fil-mija li xehed il-Perit Galea*. Għall-mistoqsijiet *naqblu li hemm rapport tas-soċjetà estera li s-soċjetà kjamata in kawża kienet inkarigat testijiet u qegħdin fid-dokument FS2, l-affidavit tas-soċjetà estera, bagħtet dan l-istess madum għat-testijiet u r-rapport esebietu?* u *tajtu xi importanza u kkunsidrajtu b'xi mod dan ir-rapport jekk jogħġbok?* il-Perit David Pace wieġeb *iva naqbel. … Ifhimni dak kien jiċċertifika l-grad u l-kwalità tal-madum però imbagħad kelli quddiemi sitwazzjoni fejn iż-żewġ periti tal-partijiet qablu illi uħud mill-madumiet kellhom biex tgħid hekk mankament u jiena l-iktar fuq dak il-punt*

[29] Para. 14 sa' 22 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, fol. 154 sa' 156 tal-proċess.
[30] Fol. 381 sa' 390 tal-proċess.

*qiegħed.* Għall-mistoqsija ulterjuri *jiġifieri bqajt fuq li qalu ż-żewġ periti tal-partijiet, Perit jekk jogħġbok?* il-Perit Pace wieġeb *le, fuq il-fatt illi apparti li rajt jien, iż-żewġ periti kienu qegħdin jaqblu li kien hemm mankamenti fil-madum. Jiġifieri avolja kien hemm ċertifikazzjoni dwar it-tip u l-kwalità tal-madum, xorta jibqa' l-fatt illi fuq il-post mill-madum issupplit lill-attur, il-madum ma kienx ta' l-istess finish tal-madum l-ieħor.* Dwar id-difett fil-madum il-Perit iddikjara li *ma kienx difett illi tidħol fil-kamra u mill-ewwel tinnotaha. Però rriżulta illi wara li raha u beda jara l-madum li qiegħed iqiegħed u f'kull kamra kien hemm dan id-difett imbagħad mexa u waqqaf it-tqegħid tal-madum u nforma lis-supplier.* Il-Perit iddikjara li d-difett riskontrat huwa difett iżda *riskontrabbli b'iktar diffikultà.*

Fid-dawl tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku u tax-xhieda in eskussjoni tiegħu jirriżulta bħala fatt li l-madum akkwistat mill-atturi mingħand il-konvenuti kellu mankamenti fih - konsistenti f'li fit-tarf il-qasir tal-maduma cioè f'uħud minnhom hemm għafsiet taħt il-wiċċ illi jidhru kontra d-dawl kif ukoll illi f'xi oħrajn hemm qasma rqiqa taħt il-wiċċ - li rrendew tali madum kjarament mhux tal-kwalità pattwita. Minn dan l-aspett għalhekk jirriżulta li l-lanjanza ta' l-atturi fil-konfront tal-konvenuti hija waħda fondata u l-Qorti da parte tagħha ma ssib l-ebda raġuni għalfejn ma għandhiex toqgħod fuq dak relatat u kkonstatat fir-rigward mill-Perit Tekniku. F'tali rigward il-Qorti hawn tagħmel referenza għall-prinċipju ormai assodat in materja li *l-opinjoni espressa minn perit jew periti nominati mill-Qorti hi dejjem parir u, kif jiddispondi espressament l-Artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti mhix marbuta li taċċetta il-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. B'danakollu, issokta jiġi ppreċiżat ukoll illi dawk il-konklużjonijiet peritali ma għandhomx jiġu faċilment skartati jekk fil-kumpless ma jkunux irraġonevoli u ma jkunux nġiebu raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika*[31], u dana iktar u iktar fil-każ in eżami li apparte dak konstatat mill-Perit Tekniku nnifsu dwar il-madum, kemm il-Perit ta' l-atturi kif ukoll il-Perit tal-konvenuti rriskontraw il-mankamenti fl-imsemmi madum.

Il-Qorti tqis li f'dan l-istadju għandha tittratta l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti u cioè li l-azzjoni attriċi hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi dak li qed jillanjaw minnu l-istess atturi huwa essenzjalment vizzju redibitorju.

**Eccezzjoni ulterjuri ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta:**

L-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqa' taħt it-Titolu Fuq il-Garanzija Għad-Difetti Li Ma Jidhrux tal-Ħaġa Mibjugħa, jipprovdi li: (1) *L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa. (2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett. (3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).*

---

[31] Paul Cutajar v. Bugeja Marbles Ltd., Appell Ċivili Nru. 3/05 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007.

Huwa evidenti li dan l-artikolu tal-Liġi japplika għall-azzjonijiet disponibbli lill-kompratur f'każ ta' **difett moħbi** fil-ħaġa akkwistata minnu. Bħala fatt il-konvenuti jikkontendu li jekk hemm mankament fil-madum minnhom mibjugħ lill-atturi, dan ġie deskritt bħala difett mill-Perit Tekniku u l-Perit ex parte Tano Zammit u li l-azzjoni istitwita mill-atturi fil-konfront tagħhom hija l-azzjoni redibitorja. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[32] tagħhom dwar l-eċċezzjoni ulterjuri avvanzata minnhom, il-konvenuti jissottomettu li a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 213 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, *l-atturi ma jistgħux mir-rekwiżiti ta' l-azzjoni bħala fatt qed jivvintaw - u cioè l-azzjoni redhibitorja - billi jikkonfezzjonaw u allura jlibbsu differentement l-azzjoni tagħhom bħala waħda ta' nuqqas ta' kwalità pattwita. ... l-atturi qed jitolbu r-refużjoni tal-prezz tal-madum. Huwa konfermat anke mill-ġurisprudenza tagħna illi meta persuna titlob id-danni fis-somma ta' l-ammont li sewa x-xogħol mibjugħ, dan ikun każ ċar ta' actio redhibitoria. ... dato ma non concesso illi hemm xi mankament fil-madum supplit, mill-periti ġie deskritt bħala difettuż u mhux, bħala mhux tal-kwalità pattwita. ... kemm il-espert ġudizzjarju u kif ukoll l-Perit ex parte Tano Zammit, qiesu li semmai l-madum kien difettuż u mhux, mhux tal-kwalità pattwita. ... bit-talba li għamlu l-atturi fil-verità qed jinvokaw l-actio redhibitoria u mhux l-azzjoni li qed isejħulha bħala dik tan-nuqqas ta' kwalità pattwita - dan naturalment qed jagħmluh biex jaħarbu mill-estremi tas-sitt xhur dekadenza imposti mill-liġi.*

Fir-rigward tar-rimedju disponibbli lill-kompratur f'kuntratt ta' bejgħ huma assodati il-prinċipji li: *kif paċifikament saput il-liġi takkorda lix-xerrej l-azzjoni in garanzija kontra l-vizzju dedibitorju kontemplat fl-Artikolu 1424 tal-Kodiċi Ċivili jew l-azzjoni minħabba l-inadempjenza kontrattwali fejn il-ħaġa kunsinnata ma tkunx tal-kwalità imwegħda jew ma tkunx bħal kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar. Dan kif preskritt fl-Artikolu 1390 tal-istess Kodiċi. Kif aħjar spjegat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "George Portelli v. Vittoria Grima" Appell Ċivili, 27 ta' Mejju 1957 (Vol XLI pI p341) "f'kuntratt ta' bejgħ, meta jiġi konsenjat lill-kompratur oġġett divers minn dak li hu ried jakkwista, oltre l-azzjoni ta' nullità minħabba vizzju tal-kunsens skond l-Art. 1017 (illum Art. 974) tal-Kodiċi Ċivili, il-kompratur għandu għad-difiża tiegħu l-azzjoni riżoluttiva "ex contractu" taħt l-Art 1440 (illum 1390) ta' l-istess Kodiċi, meta l-venditur jiġi biex jikkonsenjalu oġġett ta' kwalità mhux skond ma pprometta jew mhux skond il-kampjun. Huwa għandu, barra minn din, l-azzjoni ta' garanzija jew redibitorja. Iżda, mentri l-azzjoni "ex contractu" taħt l-Art. 1440 tiddefendi lill-kompratur għall-inosservanza ta' l-obbligi kontrattwali kontra l-konsenja ta' oġġett divers fil-kwalità minn dik promessa lilu, l-azzjoni redibitorja tipproteġih kontra l-obbligu aċċessorju tal-venditur li jikkonsenja l-oġġett mingħajr difett". Jitnissel minn dan illi għalkemm iż-żewġ azzjonijiet għandhom l-istess bażi razzjonali, id-differenza bejniethom hu din. Kif gja anterjorment kien ġie deċiż "l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur hu dak li għandu jagħti l-ħaġa skond il-kwalità miftehma u f'kondizzjoni li kienet waqt il-bejgħ u presumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-każ tal-vizzju redibitorju ma jkunx hemm l-ebda kwistjoni Fuq il-kwalità tal-ħaġa, iżda x-xerrej jippretendi illi għalkemm l-oġġett huwa effettivament tal-kwalità miftehma, iżda għandu ġo fih vizzju okkult li jirrendih inutili għalih" (Kollez. Vol. XXXI pI p647). Ikompli jsegwi illi bejn iż-żewġ azzjonijiet teżisti wkoll differenza oħra ta' natura proċedurali. Kif ormai jinsab ben stabbilit fil-ġurisprudenza, jekk id-dritt tal-kumpratur bl-Art. 1390 jista' jiġi eżerċitat "per via di eccezione" (Kollez. Vol. XXX pI p751; Vol. LXXIII pI p260), "il diritto nascente dal vizio che intitola l'azione redibitoria non puo essere ridotto in linea di eccezione ma deve essere ezercitato in tempo utile per via d'azione" (Kollez. Vol. XX pI p281; Vol. XXIX*

[32] Fol. 438 sa' 447 tal-proċess.

*pII p1170). Kif drabi oħra ntqal "meta d-dritt għall-propozizzjoni tar-redibitorja jew ta' l-estimatorja permezz ta' azzjoni jkun spiċċa bid-dekors taż-żmien, la r-redibitorja u lanqas il-'quanti minoris' ma tkun tista' tiġi mill-kumpratur opposta "in via di eccezione" għaliex in-nota massima "temporalia ad agendum perpetua ad excipiendum" mhiex applikabbli in tema ta' dekadenza" (Kollez. Vol. XXXVIII pIII p723). U kif magħruf ukoll, u hekk paċifikament akkolt, "l'azione redibitoria deve in riguardo di mobili venire esercitata, sotto pena di decadenza, entro un mese (illum, bl-egħluq ta' sitt xhur, ex-Art 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili) ma tale termine, nel caso in cui il compratore fosse stato nella impossibilità di conoscere il vizio occulto della cosa, non corre se non dal giorno in cui lo abbia potuto conoscere" (Kollez. Vol. XXV pII p422; Art 1431(2) tal-Kodiċi Ċivili[33].*

Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta mhux applikabbli għall-każ in eżami u dana billi: (i) id-difett riskontratat fil-madum akkwistat mill-atturi mingħand il-konvenuti ma huwiex difett moħbi iżda huwa mankament li jirrendi dak il-madum mhux tal-kwalità pattwita; u (ii) l-azzjoni istitwita mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti ma hijiex l-azzjoni redhibitorja iżda hija azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jibda biex jiġi osservat li għas-sempliċi raġuni li għaliex ġie riskontrat mankament fil-madum akkwistat mill-atturi mingħand il-konvenuti, ma jfissirx - kif jirriżulta ben ċar mill-prinċipji ġuridiċi appena ċitati - li l-uniku rimedju disponibbli lill-atturi kien dak għal difetti redhibitorji. Lanqas ma jfisser li għaliex l-oġġett akkwistat fih mankament allura ma għandhiex x'taqsam il-kwistjoni li dak l-istess oġġett ma jkunx tal-kwalità pattwita, anzi piuttost il-kuntrarju. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li meta f'oġġett akkwistat jirriżulta mankament li jirrendih ta' kwalità inferjuri/differenti għal dik imwiegħda, allura dak id-difett jirrendi dak l-oġġett mhux tal-kwalità pattwita, hekk kif jirriżulta minn dak osservat mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet **Diacono v. Galea**[34] - *si suppone in primo luogo che il venditore abbia esplicitamente premesso una qualità e che il compratore abbia avuto specialmente in mira questa qualità.* Bl-istess mod, il-fatt li l-mankament ma huwiex immedjatament u faċilment riskontrabbli, ma jfissirx li l-istess huwa difett moħbi, hekk kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Helen Micallef v. Godfrey Debattista et, Ċitaz. Nru. 491/97** deċiża fis-27 ta' Ottubru 2005, fejn appuntu ġie osservat li *difett ikun moħbi meta xerrej ta' dehen ordinarju li jagħmel eżami għaqli tal-ħaġa mixtrija bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma jkunx jew ma kienx f'qagħda li jista' jintebaħ bih filwaqt tax-xiri. Iżda jekk difett ikun wieħed li jista' jidher jekk isir eżami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t'għajn, ma jkunx jidher.*

Fil-każ in eżami, mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku u anke mix-xhieda tal-Perit Tano Zammit u mir-rapport rilaxxat minnu[35], jirriżulta ferm ċar li l-mankament minnhom riskontrat fil-madum akkwistat mill-atturi rrenda l-istess madum mhux ta' prima kwalità li kienet appuntu l-kwalità mifthema, hekk kif joħroġ fejn ċar mill-provi, bejn l-atturi u l-konvenuti għall-madum akkwistat. Konsegwentement għalhekk l-atturi kellhom kull dritt jipprosegwu bir-rimedju lilhom konċess mill-Liġi a tenur ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li: *jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-*

[33] Apex Interiors Limited v. Martin Camilleri, Appell Ċivili 1231/96 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2004.
[34] Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XVIII pIII p59.
[35] Fol. 324 u 325 tal-proċess.

*bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

Għalkemm il-konvenuti jikkontendu li l-azzjoni istitwita mill-atturi hija dik redhibitorja u mhux dik ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana għalhekk li skonthom japplika t-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni attriċi hija appuntu azzjoni skond l-Artikolu 1390 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn l-atturi, bit-talba għar-refużjoni tal-prezz minnhom imħallas għall-madum effettivament qed jirrifjutaw il-madum mibjugħ, liema rifjut huwa kkonfermat bid-depożitu tal-madum in kwistjoni - jew aħjar ta' 20m$^2$ mill-madum in kwistjoni - f'idejn Aldo Chetcuti skond skrittura privata datat 4 ta' April 2006 u Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 653/06[36], u qed jitolbu ukoll id-danni kif għandhom kull dritt jagħmlu ai termini tal-Liġi.

Il-fatt li ma ġiex depożitat il-madum kollu akkwistat mill-atturi mingħand il-konvenuti, iżda ġie depożitat biss dak il-madum li kien għadu ma tqegħidx hekk kif l-atturi nnutaw il-mankament fil-madum akkwistat, fil-fehma tal-Qorti fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ma jċaħħadx lill-atturi milli jeżerċitaw id-drittijiet pertinenti lilhom ai termini tal-Liġi. Ma għandux ikun hemm dubju li kemm prattikament kif ukoll raġonevolment kien impossibbli illi l-madum già imqiegħed fil-fond ta' l-atturi jiġi ritornat lura lill-konvenuti jew altrimenti depożitat. Il-Qorti tosserva wkoll li, kif ikkonstata u konkluż mill-Perit Tekniku, lanqas kien fattibbli għall-atturi li fid-dawl tal-mankament partikolari riskontrat fil-madum in kwistjoni, jivverifikaw kull maduma individwali qabel dawn ma ġew imqiegħda u dana billi, fi kliem il-Perit Tekniku stess, *trid tiftaħ il-kaxxi tal-madum, tifrixhom u trid toqgħod teżaminhom. … Tkun qiegħed tirriskja li jinkisrulek xi madumiet hemm dik il-kundizzjoni* (ossia l-kundizzjoni imsemmija fuq il-kaxxi tal-madum) *però prattikabilment mhux f'kundizzjoni li tista'*[37].

Hawn u fir-rigward il-Qorti in oltre tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Tar-Robba Limited v. Kalabardi Construction Limited, Appell Ċivili Nru. 91/97** deċiża fit-28 ta' Novembru 2008, fejn ġie osservat illi *issa hu veru li, fil-waqt li hu ammess illi fil-każ fejn xerrej jiġi mfittex mill-bejjiegħ għall-ħlas tal-prezz jew tal-bilanċ, ix-xerrej jista' jilqa' b'eċċezzjoni li l-ħaġa mibjugħa ma kienitx tal-kwalità miftehma (minbarra li kellu l-jedd ukoll li jattakka dak il-bejgħ b'azzjoni mibdija minnu kontra l-bejjiegħ) (ara "Apex Interiors Ltd. v. Camilleri" deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru 2004), hu mistenni li x-xerrej, malli jinduna bid-difett, jirritorna l-oġġett jew jiddepożitah taħt l-awtorità tal-Qorti. Però, il-każ jvarjaw u huma dipendenti fuq iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ konkret. Hekk, din il-Qorti fil-kawża "Cauchi noe v. Baldacchino et noe" deċiża fis-7 ta' Ottubru 1997, irravviżat in linea ta' prinċipju ġenerali illi jeżistu wkoll każijiet eċċezzjonali fejn ir-ritorn lura lill-venditur ta' l-oġġett mibjugħ ma tkunx fiżikament possibbli.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li l-mankament riskontrat fil-madum akkwistat mill-atturi mingħand il-konvenuti ma kienx difett moħbi u jirriżulta wkoll li l-azzjoni attriċi ma hijiex azzjoni redhibitorja iżda hija azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement għalhekk l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta - liema artikolu tal-Liġi jirreferi għall-azzjoni redhibitorja u l-azzjoni aestimatorja - ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami.

---

[36] Fol. 328 u 329 tal-proċess.

[37] Xhieda in eskussjoni tal-Perit Tekniku mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2016, fol. 381 sa' 390 tal-proċess.

Il-Qorti għalhekk tqis li l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Trattata l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti, il-Qorti ser tgħaddi biex tittratta ir-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati minnhom.

**Ir-rimanenti eċċezzjonijiet tal-konvenuti:**

Il-konvenuti jeċċepixxu li l-atturi ma jistgħux jintavolaw din il-kawża meta għadhom qed iżommu l-merce mibjugħa u għalhekk l-azzjoni attriċi hija inammissibbli. Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal dak minnha appena osservat dwar id-depożitu ta' parti tal-madum akkwistat mill-atturi mingħand il-konvenuti u għar-raġunijiet minnha già mogħtija tqis li din l-eċċezzjoni - hekk intiża fil-kuntest ta' azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta - ma hijiex ġustifikata u ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Il-konvenuti jeċċepixxu wkoll li l-azzjoni għad-danni hija irrita u inammissibbli stante li dan mhux ir-rimedju mogħti lix-xerrej mill-Liġi. Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal dak già minnha osservat fir-rigward tar-rimedji konċessi lill-kompratur ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u għal mod kif l-azzjoni attriċi effettivament tirrientra entro l-parametri tar-rimedji previsti mill-Liġi għall-kompratur meta jirriżulta li l-oġġett akkwistat minnu ma huwiex tal-kwalitàattwita. Għalkemm l-atturi verament qed jitolb ħlas ta' danni, l-azzjoni minnhom avvanzata ma hijiex sempliċement azzjoni għad-danni iżda hija, jiġi ribadit azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalqstant, tqis li din l-eċċezzjoni wkoll ma hijiex ġustifikata u ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Il-konvenuti jeċċepixxu li l-madum konsenjat lill-atturi kien tal-kwalità pattwita bejniethom, iżda dan irriżulta li ma huwiex minnu mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku, liema Relazzjoni kif già osservat, il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn ma għandhiex toqgħod fuqha u fuq il-konklużjonijiet hemm raġġunti. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ukoll ma hijiex ġustifikata u ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Il-konvenuti in fine jeċċepixxu li huma ma kkawżaw l-ebda danni lill-atturi. Fir-rigward, il-Qorti mill-ġdid tagħmel referenza għar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku[38], il-Perit David Pace, u għax-xhieda in esekussjoni mogħtija minnu waqt is-seduta tas-7 ta' April 2016[39].

Fir-Relazzjoni tiegħu l-Perit Tekniku kkonstata u kkonkluda li: *peress illi l-atturi huma ġustifikati fit-talba tagħhom illi l-madum għandu jinbidel allura għandhom jiġu rifużi s-somma ta' elf sitt mija u disgħa u sebgħin lira Maltin (Lm1,679) ekwivalenti għal tlett elef disa' mija u ħdax-il Euro (€3,911) u minn barra dan iridu jiġu kumpensati sabiex il-madum imqiegħed jitneħħa minn fuq il-post. Dawr dan hemm il-likwidazzjoni magħmula mill-Perit Tano Zammit fiċ-ċertifikat Dokument "A26"[40] fejn illikwida total ta' elfejn tmien mija u sitta u ħamsin lira Maltin (Lm2,856) ekwivalenti għal sitt elef sitt mija tnejn u ħamsin ewro u sebgħin ewro ċenteżmu (€6,652.70) għal contingencies. L-esponent jidhirlu li s-somma li tirrappreżenta x-xiri u tqegħid ġdid ma għandhiex titħallas għaliex l-atturi diga ser jiġu kkumpensati bir-rifużjoni tal-ħlas tal-madum illi*

[38] Fol. 147 sa' 366 tal-proċess.
[39] Fol. 381 sa' 390 tal-proċess.
[40] Fol. 324 u 325 tal-proċess.

*tqiegħed. Minflok, l-esponent qiegħed jillikwida s-somma ta' elf ewro (€1,000) bħala kumpens għal xi differenza li jista' jkun hemm fil-prezzijiet sabiex jinxtara u jitqiegħed madum simili. … il-konvenuti għandhom iħallsu l-ispejjeż kif likwidati fl-ammont imsemmi għax-xogħol l-iħeor konness mal-qlugħ tal-madum imqiegħed, it-tneħħija minn fuq il-post u s-somma bħala kumpens għad-differenza fil-prezzijiet. Dana kollu salv kwalunkwe drittijiet reċiproċi illi jista' jkollhom bejniethom il-konvenuti u s-soċjetà kjamata in kawża illi joħorġu mir-relazzjoni kummerċjali li għandhom bejniethom*[41]*.*

Mir-Relazzjoni Teknika jirriżulta li għalkemm madwar 7% biss mill-madum imqiegħed kien affett bil-mankament riskontrat minnu, il-Perit Tekniku rrelata u kkonkluda li l-madum kollu għandu jinqala' u jiġi rimpjazzat. Mistoqsi in eskussjoni għalfejn wasal għal din il-konklużjoni, il-Perit Tekniku wieġeb *kif semmejt sabiex tinbidel maduma waħda bilfors irid jinqala' l-madum tal-madwar. Problema oħra illi jista' jagħti l-każ illi jekk ma hemmx il-madum kollu ta' l-istess batch għadu hemmhekk, jiġifieri ta' l-istess konsenja illi jagħmel tajjeb għal dan tiksir, ikun diffiċli ħafna li mbagħad illi f'daqqa, il-madum eżatt bħala kulur għaliex avolja jkun ta' l-istess grad u ta' l-istess kwalità, hemm possibilità tajba illi l-madum ma jkunx eżatt preċiż anke bħala l-isfumatura tal-kulur eżatt bħal madum illi qiegħed digà hemmhekk. Allura mbagħad tispiċċa li jkollok roqgħa illi ma tkunx eżatt bħall-madum ta' madwarha u tispiċċa jiġifieri qisek it-tebgħa tinfirex. Minħabba f'hekk allura kkonkludejt illi jkun aħjar illi jinbidel kollu.*

Fir-rigward tal-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku dwar l-ammont li għandu jiġi rifuż lill-atturi u dwar id-danni li għandhom jiġu likwidati a favur tagħhom, liema danni għandhom jiġu likwidati skond kif iċċertifikat mill-Perit Tano Zammit fir-Rapport markat Dok. "A26", ħlief għas-somma ta' Lm2,480 rappreżentanti *purchase and laying of new tiles inclusive of grout, sand, cement etc,* liema somma invece ġiet likwidata mill-Perit Tekniku fl-ammont ta' €1,000 biex tagħmel tajjeb għal xi differenza li jista' jkun hemm fil-prezzijiet sabiex jinxtara u jitqiegħed madum simili, il-Qorti għal' darba oħra ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi minn tali konklużjonijiet. Ir-refużjoni tal-prezz tal-madum hija konsegwenza loġika tal-fatt li l-atturi ma humiex qed jaċċettaw il-madum in kwistjoni u d-danni huma intitolati għalihom ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dak kollu għalhekk il-Qorti tqis li l-konvenuti għandhom jirrifondu lill-atturi s-somma ta' €3,911, ekwivalenti għal Lm1,679, rappreżentanti l-valur tal-madum minnhom mibjugħ lill-atturi, liema madum irriżulta li ma huwiex tal-kwalità pattwita u għalhekk mhux qed jiġi aċċettat mill-atturi, u għandhom iħallsuhom ukoll id-danni konsegwenzjali li qed jiġu likwidati fis-somma komplessiva ta' €1,876.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li s-sitt eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti ġiet sorvolata bil-kjamata in kawża tas-soċjetà Ceracasa S.A. u għaldaqstant mhux qed tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

[41] Para. 23, 24 u 26 tar-Relazzjoni Teknika, fol. 157 u 158 tal-proċess.

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-kjamat in kawża noe u filwaqt li tiddikjara li s-soċjetà spanjola Ceracasa S.A. ma hijiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, tillibera lill-kjamat in kawża noe mill-osservanza tal-ġudizzju;
2. Konsegwentement għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati mill-kjamat in kawża noe;
3. Filwaqt li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u minflok tiddikjara li huma leġittimi kontradittturi ta' l-atturi f'dawn il-proċeduri;
4. Tiċħad ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri tad-dekadenza ta' l-azzjoni attriċi ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti;
6. Tiċħad ir-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;
7. Minflok tilqa' t-talba attriċi u filwaqt li tiddikjara li l-madum akkwistat mill-atturi mingħand il-konvenuti ma kienx tal-kwalità pattwita, tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi s-somma ta' €3,911 rappreżetanti l-valur tal-madum akkwistat mill-atturi u minnhom mhux aċċettat, tillikwida d-danni a favur l-atturi fis-somma ta' €1,876 u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi wkoll is-somma hekk likwidata ta' €1,876;
8. Bl-imgħax legali fuq is-somma ta' €3,911, dekorribbli mit-3 ta' Mejju 2006, id-data tar-Risposta tal-konvenuti, sa' l-20 ta' Marzu 2018 u mill-ġdid mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-imgħax legali fuq is-somma ta' €1,876, dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk relattivi għaċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 653/06 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentati kontestwalment mar-Rikors promotur u dawk relattivi għall-kjamat in kawża noe, huma a karigu esklussiv tal-konvenuti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**